MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2015

Numru 719/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Frankie Sammut**

**v**

**Josloann Brignone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ 442693M akkuzata talli:

1. Nhar it-12 ta’ Mejju, 2014 ghall-habta tal-5.30 p.m gewwa Bormla bil-hsieb li taghmel delitt u cioe li minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ Leanne Barbara minn Bormla f’periklu car ikkagunat offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ l-imsemmija Leanne Barbara minn Bormla, li tista’ ggib debbulizza permenenti fis-sahha jew fil-fujnzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem.
2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkagunat ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Leanne Barbara minn Bormla skont ma ccertifika t-tabib tal-Poliklinika ta’ Rahal Gdid Dr B. Zammit MD 2887;

3. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel hsara jew hassar jew gharraq xihaga mobbli jew immobbli u cioe vettura tal-ghamla Maruti b’numru ta’ registrazzjoni JBS-031 ghad-detriment ta’ John Joseph Brincat minn Bormla;
4. Kif ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, heddet bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin cioe, hadida, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra l-persuna ta’ Leanne Barbara minn Bormla;
5. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika u bon ordni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputata tammetti l-akkuzi fuq liema insistiet anka meta l-Qorti tatha zmien tikkonsidra;

Fuq skorta ta’ din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibha u tiddikjaraha hatja.

Rat l-Artikolu 216, 325(a), 338(dd), 339(b), 17(d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tiddeciedi li tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputata r-responsabilitajiet taghha skont is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------